MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2013

Numru. 946/2010

**Il-Pulizija
Spettur Jesmond Micallef**

**VS**

**Alan Abela, iben Joseph u Marlene nee' Camilleri, imwieled il-Kanada nhar it-28 ta' Settembru, 1965, residenti fil-fond numru 18, Villa Panda, Triq il-Gardell, San Gwann, detentur tal-karta tal-identita' numru 295366M;
U Mario Vella, iben missier mhux maghruf u Giorgia Vella, imwieled Tal Pieta' nhar is-27 ta' Awwissu, 1961, residenti fil-fond numru 96, Wiled, Triq Tumas Galea, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita' numru 547361M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Alan Abela** u **Mario Vella** li gew akkuzat talli:

1. Nhar id-29 ta' Marzu, 2006, ghall-habta tas-1.30pm, f'Mater Dei Hospital, limiti tal-Imsida, fil-kapacita' taghhom ta' diretturi tal-kumpanija Engenuity Limited, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni taghhom, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, wegga' gravi Joseph Debono, u dan ai termini tal-Artikolu 225 u 226(1)(b) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess zminijiet, lok, u cirkostanzi, naqsu milli jharsu s-sahha u s-sigurta' tal-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affettwati bix-xoghol li jkun qed isir, u dan billi naqsu li jiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol, u dan ai termini tal-Artikolu 6(1)(2) tal-Att 27/2000, Kap 424;

3. U aktar talli fl-istess zminijiet, lok, u cirkostanzi, bhala persuni li jhaddmu, naqsu li jiehdu l-mizuri necessarji sabiex waqghat mill-gholi ikunu fizikament evitati, partikolarment permezz ta' bennieni solidi li jkunu gholjin bizzejjed u jkollhom tal-anqas bord tat-tarf, poggaman ewlieni u poggaman intermedju jew alternattiva ekwivalenti. Naqsu wkoll li jizguraw li x-xoghol fl-gholi jitwettaq biss b'apparat specjali jew bl-uzu tal-apparat ta' protezzjoni kollettiv bhal ma huma l-bennieni, il-pjattaforma jew ix-xbieki tas-sigurta'. Fejn l-uzu ta' tali apparat ma jkunx possibbli minhabba n-natura tax-xoghol, ghandhom ikunu provduti u ghandhom jintuzaw mezzi adatti tal-access u arnessi ta' sigurta' jew metodi ta' ankragg ohra ta' sigurta'. Naqsu wkoll illi jizguraw li poggamani ta' protezzjoni jitpoggew madwar trombi u turgien u dan ai termini ta' Reg 5 tal-Iskeda IV (Parti B) tal-Avviz Legali 281/20047.

Rat illi moqrija l-istess akkuzi, l-imputati wiegbu li ma kinux hatja taghhom.

Rat ukoll l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, taht liema hemm mahsub li tista’ tinstab htija, u cioe’:

- Fl-Artikolu 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- Fl-Artikoli 6(1) u (2) tal-Att 27/2000, Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- Fir-Regolament 5 tar-Raba’ Skeda (Parti B – Sezzjoni II) tal-Avviz Legali 281 tal-2004;
- Fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ukoll il-kunsens tal-imputat ghall-istess proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkonsidrat:

Illi l-fattispecie tal-kawza in breve huma li l-kumpanija Engenuity Limited (li taghha gew ezebiti l-Memorandum and Articles a folio 54, Dok NF), li taghha l-imputati huma diretturi, b’arrangament mas-socjeta’ Alberta li kien sub-contractor mal-kumpanija Skanska, baghtet tlieta minn nies jahdmu fl-Isptar Mater Dei, fiz-zmien illi kien ghadu qed jinbena. Dawn hadu u ramaw ghal dan l-iskop scaffolding. Tlieta kienu fuqu. Waqghu tnejn, bil-konsegwenza li wiehed minnhom – Joseph Debono, spicca wegga’ b’mod gravi.

Issa dan kollu espost, xehdu kemm l-Ispettur Jesmond Micallef, kif ukoll is-Supritendent Stephen Gatt, involuti f’din l-investigazzjoni – ovvjament jixhdu fuq dak illi nqtal lilhom. Gie ezebit ukoll l-accident report redatt minn din l-investigazzjoni, folio 23. Saret, kif xehed l-istess Supritendent, Inkjesta Magisterjali, ezebita fl-atti.

Illi ghalhekk varji esperti ezebew ir-relazzjoni taghom, in esekuzzjoni tal-inkarigu lilhom moghti fl-Inkjesta.

Ghalhekk, il-Perit Richard Aquilina kkonkluda:
“*Ix-xoghol tal-hatt tal-kanen tal-ilma ntizi ghat-tifi tan-nar, kien qieghed isir minn fuq scaffolding. Dan kien jidher illi kien skont l-arti u s-sengha u kellu l-bracing, (kanen*

*djagonali) li jzommuh rigidu u ma jitbandalx. L-intavlar ta' fuq dan l-scaffolding kellu traversi li jzommuh milli jimxi u jinqala' minn loku. L-esponent, izda jirrileva li l-scaffolding ma kellux l-ilqugh li jzomm wiehed milli jaqa'.*

*Mix-xhieda li nstemghet, inrrizulta li waqt li Gantcho Dimitrov Filipov u Joseph Debono kienu fuq l-scaffolding, Gantcho, waqt illi kien qieghed jaqla' bracket tilef il-bilanc. Kif Joseph Debono ra lil Gantcho ser jaqa', mar biex jipprova jzommu, waqghu t-tnejn ghal isfel, Gantcho ma gralu xejn, izda Debono korra gravi. L-gholi tal-waqa' kien biss ta' 2.32(7'8").*"

Minn naha tieghu, PS 198 Arthur Debattista, bhala fotografu mahtur fl-Inkjesta, acceda fuq il-post **<u>dakinhar tal-incident (enfasi tal-Qorti)</u>**, meta allura x-xena hi taht l-awtorita' tal-Magistrat Inkwirenti, u ha sett ritratti ezebiti a folio 30.

Minn naha tieghu Dr Mario Scerri ezebixxa r-relazzjoni tieghu fl-istess Inkjesta, u kkonkluda:

*1.* "*Illi Joseph Debono ddahhal l-Isptar San Luqa nhar id-29 ta' Marzu, 2006 fi stat ta' konfuzjoni bi Glasgow Come Scale ta' 13;*

*2. Illi aktar qabel Debono kien waqa' minn gholi ta' madwar disa' piedi;*

*3. Illi ma kinx hemm lezjonijiet fuq il-persuna ta' Debono li dehru suspettuzi jew estranji ghall-waqgha;*

*4. Illi l-fratturi u l-head injury li garrab Debono kienu ta' natura gravi;*

5. *Illi l-kundizzjoni ta' Debono baqghet wahda stabbli, tjiebet, u eventwalment dan gie licenzjat mill-Isptar San Luqa.*"

Dwar il-griehi sofferti minn Joseph Debono, xehed anke Dr A Galea Debono. Qal dan illi l-griehi sofferti minn Joseph Debono, tant kienu gravi minhabba l-griehi (ferita f'rasu u emoragija fil-mohh), illi anke ddahhal l-ITU. Gie rilaxxat wara ghaxart (10) ijiem.
Vide wkoll il-Case Summary u l-Physiotherapy Services Report ezebiti a folio 75 – 76 rispettivament.

Xehed ghalhekk minn naha tieghu il-ferut Joseph Debono. Ikkonferma li hu kien jahdem gewwa Mater Dei, jaqalghu l-pajpijiet.
Ma tantx kien jiftakar dak illi gara fl-incident. Ikkonferma pero li hu kien liebes safety shoes u safety helmet. Ikkonferma wkoll illi ma kinx liebes harness. Qal anzi li kellhom harness daqsxejn kbir, pero ma kinx ghandhom. Anzi zied illi dan il-harness ma kinx fuq il-post tax-xoghol. Qal dan illi dan il-harness kien jinstab fl-store. Xehed illi mal-scaffolding ma nghata xejn aktar. Ammetta li hu remah l-scaffolding. Dwar il-harness illi kellhom kien goff ghax tqil. Qal illi gieli kellhom bzonnu u ma kinux juzawh.

Qal illi qabel ma beda jahdem ma' din is-socjeta', kien jahdem bhala chargeman tal-welders mad-Drydocks. Hemm xogholu kien anke li jitla' fuq l-scaffolding. Ikkonferma li kien liebes safety helmet. Ikkonferma wkoll illi l-scaffolding koncernat ramawh hu u tnejn haddiema li kellu mieghu. Qal illi ghalih l-gholi tal-scaffolding kien tajjeb. Qal illi guard rail tal-scaffolding ma kellux, u ghalhekk ma ramahx. Qal pero li kieku l-guard rail kienet hemm kien jaramaha (folio 50). Qal "*Kieku kienet hemm zgur li armajtha jiena.*" (folio 50). Ikkonferma li kienu tliet haddiema u li kien jikkmanda minnhom hu. Qal illi ma kinx hu li darba li kien imur l-store kien jiddeciedi x'kien ikun hemm bzonn. Ilestulu huma x'kellu jiehu. Kien jarma b'dak illi kienu jaghtuh. Qal illi kien in charge tax-xoghol (allura mhux tal-armar). Baqa' nsistenti in kontro ezami li l-scaffolding ma kellux guard rail.

Gantcho Dimitro Filipov xehed bil-lingwa Ngliza, (wara li l-imputati ddikkjaraw li kienu jifhmu bl-istess), li hu wkoll kien jahdem mas-socjeta' Engenuity, u li wkoll kien qieghed jaghmel xoghol gewwa Mater Dei – jaqalghu pajpijiet minn mas-saqaf fuq scaffolding. Qal illi minn fuq l-scaffolding li identifika fir-ritratti a folio 37, waqghu kemm hu u kif ukoll il-kollega tieghu, gholi ta' circa zewg metri. Xehed illi hu ma weggax. Zied illi l-scaffolding li kienu qeghdin jahdmu fuqu tellghuh hu u shabu t-tnejn l-ohra. Ikkonferma, fost xhieda li ma kinitx tinftiehem, illi bhala protective clothing kellhom biss safety helmet kif ukoll illi huma ma fittxewx iktar ilbies protettiv, pero lanqas gie

offrut lilhom. Lanqas kien jaf illi kien hemm xi haga tissejjah harness. Qal illi biex inehhu l-pipes kellhom jahdmu fuq l-ahhar rail tal-scaffolding. Ikkonferma li minhabba li l-scaffolding ma kinx ilehhaq ghall-pajpijiet li riedu jaqilghu, allura poggew il-platform fuq l-istess railing, ghalhekk ma kellhomx aktar "*space in the roof*" (folio 96), biex izidu jew ipoggu r-railings. Qal illi kien is-supervisor li ddecieda li jsir dan, cioe' li jpoggu l-platform fuq l-istess railings.

Silvio Zerafa minn naha tieghu, bhala wiehed mit-tliet haddiema prezenti waqt il-hin tal-incident, xehed illi waqt li Gantcho kien qieghed jaqla' bracket mill-gholi ta' zewg metri (hawn ix-xhieda ma hargitx), u l-iehor mar jahtfhu ghax kien ser jaqa', spiccaw waqghu it-tnejn. Waqghu Joe u Gantcho. Zied illi t-tlieta kemm huma kienu lebsin safety helmets, pero ebda hwejjeg ohra. Ma kellhomx affarijiet ohra mdawra maghhom. Meta ra r-ritratt a folio 37, qal illi l-platform li kienu qeghdin jahdmu fuqha dakinhar kienet mit-tul kollu. Zied illi kif kienet tidher fuq ir-ritratt, il-platform kienet mibdula. Ikkonferma li l-scaffolding gie armat minnhom it-tlieta. Qal illi dan l-scaffolding hekk kien jintrama, u ma kellu xejn aktar izjed x'tarmalu. Ikkonferma li l-stores kellhom harness illi gieli wzaw, pero ghal dik l-okkazjoni ma talbux l-istess harness.

Xehed minn naha tieghu Kenneth Somerville – store keeper ma' Engenuity. L-imputati kienu l-imghallmin tieghu. Kien hu li kien iqassam is-safety gear lill-haddiema - bhal hard hats, safety glasses, safety gloves, u safety shoes. Ma kellux records ghal dak illi gie offrut Debono fl-incident ghax dan kien impjegat mal-kumpanija qablu. Qal illi meta hu kien johrog scaffolding, kien johorgu komplut bir-roti, bil-gnub, bid-diagonals, pero li ma kinx responsabbli ghal kif jigi armat. Zied illi scaffolding kien dejjem safe, sakemm ma kinx jigi armat hazin. Ghalih scaffolding kien johrog komplut bir-railings.

Minn naha tieghu, il-Maggur Robert Everest qal illi mar fuq il-post meta gie nfurmat bl-incident. Innota li fuq il-post kien hemm safety helmets.

Charles Micallef xehed darbtejn fit-tul. Dan kien Principal Occupational Health and Safety Officer. Xogholu kien li jinvestiga l-incident in dezamina. Ha u ezebixxa sett ritratti, ezebiti a folio 33 bhala Dok LM. Qal illi bhala gholi l-scaffolding kien 2.31 metres.

Xehdu minn naha taghhom anke l-imputati. Minn naha tieghu Alan Abela qal illi l-kumpanija Engenuity Limited kienet sellfet xi nies lill-kumpanija Alberta biex jahdmu go Mater Dei, kellhom bzonn xi xoghol ta’ zarmar ta’ pajpijiet. Qal illi s-site kien jaqa’ kollu taht ir-responsabbilta’ ta’ Skanska. Dwar Joseph Debono, xehed illi dan qabel ma kien jahdem maghhom kien jahdem id-Dry Docks, u minhabba l-esperjenza li kellu, f’inqas minn sentejn minn meta mar jahdem maghhom, il-kumpanija hatritu bhala chargeman, bid-doveri anke ta’ Health and Safety fuq is-siti li jkun qed jahdem fihom.

Xehed illi kien hu li ta struzzjonijiet li juzaw certu scaffolding fis-sit fejn gara l-incident, pero zied illi meta mar fuq is-sit tal-incident, sab illi kien qieghed jintuza scaffolding iehor – skondtu ghax Joe hass illi l-scaffolding suggerit mix-xhud kien kbir wisq ghax kienu qed jahdmu go kmamar zghar, allura skondtu dan Joe biddel l-scaffolding. Qal pero li l-scaffolding li ghazel Joe ma kellu xejn li ma kinx safe. Baqa’ jinsisti li kienet is-socjeta’ Skanska li kienet responsabbli minn dan is-sit. Qal illi l-scaffolding li ttiehed kien ahjar ghax kien izghar biex jizzarma, u li kienet ir-responsabbilta’ ta’ Joe Debono li jarmah. Ma setax jghid pero kif kien armat dan l-scaffolding. Insista li Joe Debono kien ta’ esperjenza ghax id-Dry Docks kien jahdem f’ambjent aktar perikoluz u li maghhom kien hadem fuq bicciet tax-xoghol akbar.
In kontro ezami, dwar il-kwalifiki ta’ Debono fil-Health and Safety, wiegeb illi dan ma kellux kwalifiki formali. Qal illi hu fuq l-scaffolding in kwistjoni ma hareg ebda certifikat.

Ezebixxa l-ittra ta’ promotion li s-socjeta’ Engenuity offriet lil Joe Debono ghal charge hand, Dok AA folio 160.

Mario Vella xehed minn naha tieghu, u kkonferma li l-haddiema tas-socjeta’ Engenuity kienu jinghataw hard

hats, safety shoes, ingwanti, u goggles. Xehed pero li fuq dik l-informazzjoni li hu kien ircieva, hu mar biss fuq is-sit wara l-incident de quo, hafna wara l-istess incident.

Ikkonferma in kontro ezami li Joe Debono kien imhallas mis-socjeta' Engenuity, u li kienet din l-istess kumpanija li ssupplixxiet l-apparat. Ikkonferma li fuq is-sit de quo qatt ma sar risk assessment. Dwar jekk il-kumpanija kellhix certifikat fuq l-apparat li kien qieghed jintuza f'Mater Dei, wiegeb li dan kien ilu jintuza ghal zmien twil; u kull darba li sar risk assessment jew marru l-Health and Safety Officers, qatt ma kellhom rapport negattiv fuq l-apparat. Ikkonferma li s-socjeta' Engenuity ma ghamlitx certifikat dwar l-armar tal-istess apparat. Ikkonkluda li dan kien tajjeb stante li f'okkazjonijiet ohra qatt ma qalulhom il-kuntrarju minn naha tal-Health and Safety.

Ikkunsidrat:

Illi l-akkuzi migjuba kontra l-imputati huma dawk ikkontemplati taht l-Artikoli 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikoli 6(1)(2) tal-Att 27/2000 tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta; u Reg 5 tal-Iskeda IV (Parti B – Sezzjoni II) tal-AL 281/2004.

Ikkunsidrat:

Fl-ewwel lok il-Qorti ser taghmel referenza ghad-definizzjoni tal-frazi "min ihaddem", kif definita fl-Artikolu 2 tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta, li jghid:

"*"min iħaddem" tfisser il-persuna li għaliha jsir xogħol jew jiġi mogħti servizz minn ħaddiem jew li jkollha relazzjoni ta' xogħol ma' ħaddiem, u tinkludi kuntrattur jew subkuntrattur li jagħmel xogħol jew jagħti servizz jew jintrabat biex jagħmel xi xogħol jew jagħti xi servizzi, u*
*(a) għal dak li jirrigwarda xogħol magħmul taħt kuntratt ta' servizz, tfisser il-kuntrattur jew is-subkuntrattur, iżda ma tinkludix id-diretturi, managers, soċji jew sidien, okkupanti jew possessuri li għalihom ikun qed*
*isir ix-xogħol, minbarra fil-każ fejn għodod, materjal jew tagħmir ikun provdut minnhom, dwar xi difetti li dan l-*

*apparat jista' jkollu, liema difetti jkunu magħrufa u ma ġewx indikati, jew li setgħu ikunu magħrufa;*
*(b) għal dak li jirrigwarda l-organizzazzjonijiet l-oħra kollha, inklużi dawk volontarji, jew għal dak li jirrigwarda xi forma oħra ta' impieg taħt kuntratt ta' servizz, tinkludi kull waħda mill-persuni li tidderieġi fuq kullħadd jew li tieħu ħsieb it-treġija ta' kuljum;*"

Minn tali definizzjoni, jirrizulta ghalhekk illi l-kumpanija Engenuity li taghha l-imputati kienu d-diretturi, in kwantu kienet qed thaddem lil Joseph Debono, tant li kienet qieghda thallsu ghax-xoghol li kien qieghed jaghmel go Mater Dei, taqa' taht din id-definizzjoni.

Huma rrelevanti dawk il-mistoqsijiet tad-Difiza ntizi biex tali responsabbilta' taqa' fuq is-socjeta' Alberta jew Skanska. Tfakkar ukoll il-Qorti li kienet il-kumpanija Engenuity li kienet qed tissuplixxi l-armar.

Jghid Alan Abela illi hu mar fuq is-sit u ddetermina x'tip ta' scaffolding kellu hemm jintuza. Wara l-incident skopra li Debono kien uza iehor ghax skondtu ghal Debono kien aktar appozitu. Tistaqsi allura l-Qorti, x'tip ta' assessment sar minn dan Alan Abela, jekk allura issa c-charge man tieghu ghamel valutazzjoni differenti, donnha arbitrarja minnu. Decizjoni pero li Abela m'oggezzjonax ghaliha ghax qabel fix-xhieda tieghu li l-scaffolding li ghazel Debono kien ahjar fil-kmamar baxxi li kienu qed jahdmu fihom il-haddiema.

Ejja wkoll tikkoncedi l-Qorti li gie anke deciz minn Debono li l-planki biex ilehhqu kellhom jitqieghdu fuq ir-rails, allura gew eliminati dawn is-safe guards. Mela issa l-Qorti ghandha sitwazzjoni fejn jew kien ser ikun hemm scaffolding gholi, jew wiehed baxx. Pero, anke jekk Debono stieden il-periklu, fejn kien il-harness li suppost gie lilhom pprovdut? Dawn ma nghatawx wiehed.

Mario Vella minn naha tieghu jixhed illi risk assessment ma sarx, u lanqas kien jigi ccertifikat dan l-scaffolding kull darba li kien jintuza, gialadarba skondtu kull meta rawh tal-Health and Safety, qatt ma qalulu xejn. Hawn tal-

Health and Safety ma marrux ghax ma kinux avzati – allura terga' tistaqsi l-Qorti, kif setghu japprovaw dan l-armar??

Tistaqsi wkoll il-Qorti, ghaliex gholi ta' zewg metri jew 6 feet, skont l-imputat Abela, mhux ikkonsidrat skondtu daqshekk riskjuz? Dan skont ix-xhieda tieghu a folio 154, meta fil-fatt l-armar, skont dak li kkonkluda l-Perit Aquilina, kien gholi mill-waqgha ta' zewg metri u tnejn u tletin centimetru (2.32m), isegwi allura li hawn kien aktar gholi minn dak li skont Abela mhux daqshekk riskjuz.

Tfakkar ukoll il-Qorti, illi l-Perit Aquilina li ghamel l-access fuq is-sit wara li sehh l-incident, allura a tempo vergine, ikkonkluda li ghalkemm l-scaffolding kien skont l-arti u s-sengha u kellu bracing (kanen djagonali) li jzommuh rigidu u ma jitbandalx, u l-intavlar ta' fuq dan l-scaffolding kellu traversi li jzommu l-istess milli jimxi u jinqata' minn loku, **<u>pero (enfasi tal-Qorti)</u>**, dan l-scaffolding ma kellux ilqugh biex izommuh milli jaqa'.

Kien jispetta lil min ihaddem illi jipprovdi dan l-ilqugh jew scaffolding opportun ghal sit li kien ser jintuza fih!!

Izzid il-Qorti, b'referenza ghall-harness, illi Debono qal illi ghalkemm fl-store kien hemm harness, huma ma nghatawx wiehed (folio 45). Zerafa jghid ukoll illi fl-store kellhom harness li gieli wzaw, pero lanqas talbu ghal wiehed huma (folio 87). Filipov minn naha tieghu jghidilna li ma gie offrut lilhom ebda protective equipment, ghajr ghal safety helmet, u lanqas staqsew (folio 93). Dan kollu jikkontradixxi dak illi donnu jridna nemmnu Kenneth Somerville - illi huwa kien jassigura bhala store keeper li l-haddiema kienu jkunu armati b'kollox. Fil-fatt dan qatt ma ghandu jithalla a scelta tal-haddiema, lanqas jekk il-haddiema jiddeciedu li ma jkunux f'gholi hafna!!

Punt iehor sollevat mid-Difiza, huwa li donnu skondthom Debono ma rabatx ic-chin strap tal-helmet - Debono ma qalx dan. Qal, fuq domanda tad-Difiza, illi dawn il-helmets ma kinux jintrabtu minn taht il-geddum (folio 45). Il-Qorti taghmel pero referenza ghar-ritratti 107, parti mir-

relazzjoni ta’ PS 198 Arthur Debattista, fejn jidher helmet illi donnu ghandu chin strap, pero ma gie qatt stabbilit: (a) ta’ min kienet din il-helmet, u (b) jekk tali chin strap kinitx wahda utilizzabbli.

Jirrizulta wkoll lil din il-Qorti, illi certament ma gewx segwiti r-Regolamenti jew il-Ligi hawn citati fil-konfront tal-harsien ghas-sahha u s-sigurta’ fuq il-post tax-xoghol, u konsegwenza ta’ dan Debono spicca waqa’ u wegga’ b’mod gravi. Illi giet ikkreata dik ic-chain of causation, dak in-ness li trid il-Ligi biex jigi ppruvat ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dwar il-piena, rat ghalhekk l-Artikoli 225, 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta’ Malta; l-Artikolu 6 tal-Att 27/2000, Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta’ Malta; u r-Regolament tar-Raba’ Skeda (Parti B – Sezzjoni II) Avviz Legali 281/2004, u qieghda, in vista’ ta’ dak kollu premess, u in vista’ tal-griehi sofferti mill-istess Joseph Debono, tikkundanna lil kull wiehed mill-imputati ghal multa komplessiva ta’ €2,500, u dan wara li rat l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta’ Malta.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikkundanna lill-imputati jhallsu l-ispejjez peritali fl-ammont ta’ mija u tlieta u tmenin Lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm183.65), ekwivalenti ghal erba’ mija u sebgha u ghoxrin Ewro u disghin centezmu (€427.90).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------